MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 814/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Keith Stagno Navarro**

**Illum, 5 ta' Gunju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi KEITH STAGNO NAVARRO ta' 39 sena, bin Stephen u Maria Concetta (a.k.a. Marica) nee' Galea, imwieled Sliema fit-22 t' Ottubru 1969, u li joqghod 46A/5, High Street, Sliema, detentur tal-Karta ta'l-Identita' bin-numru 3670M.

Akkuzat talli:

a. talli f' Marzu 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ikorrompew ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Department tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, talab, ircieva, jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

e. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jafu li ma kienux korrett jew qarrieqi f'xi rigward materjali.

B’hekk huwa sar recidiv a termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti ta’ l-Appell, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

1. 18, 42, 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 18 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 18, 42, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 18, 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 77(b) tal-Kapitolu 406 tal- Ligijiet ta’ Malta; u
6. 17, 18, 23B, 23C, 31, 42, 49, 50, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru ta’ registrazzjoni 1563 4309; hu kien imexxi r-restaurant tal-Marsa Sports Club. Jirrizulta li huwa dam fit-tmexxija ta’ dan ir-restaurant sas-sena 2005 meta gie sospiez u ghal xi snin wara kompliet tmexxi dan in-negozju omm l-imputat; ghalkemm ghamlet xi zmien qasir tuza’ l-VAT number tat-tifel fis-sena 2006 hija mbaghad irregistrat mad-Dipartiment taht isimha.

Illi Joanne Hefney in rapprezentanza tad-Dipartiment xehdet u qalet li l-imputat li d-denunzji prezentati mill-imputat fis-sena 2004 kien kollha juru taxxa pagabbli lid-Dipartiment f’l-ammont komplessiv ta’ €3,970.37[2], l-erbgha denunzji prezentati ghas-sena 2005 (denunzji li gew prezentati kollha flimkien fit-13 ta’ Novembru 2008) kienu juru kreditu komplessiv ta’ €25,936.91; l-erbgha returns ghas-sena 2006 kienu kollha *nil returns*.

Illi din l-istess xhud qalet li fil-konfront ta’ l-immputat kienu saru xi provisionsal assessments u li l-ammont dovut lid-dipartiment skond l-assessments huwa ta’ €91,552.72. In oltre tghid li l-imputat ghadu ma talabx li jsiru korrezzjonijjet fid-denunzji ghas-sena 2005.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u ta d-depozizzjoni tieghu ukoll.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li f’dan l-istadju ghandha tirreferi ghas-sottomissjonijiet maghmula f’isem l-imputat meta gie sottomess li la darba l-isqarrija giet rilaxxjata minghajr ma l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat il-Qorti ghandha tiskartaha bhala prova inamissibbli.

Illi pero fil-kaz in ezami l-Qorti ma tikkondividiex din it-tezi. Waqt li l-imputat kien qed jiddeponi, haga li huwa ghamel minn jeddu waqt li kien abilment assistit mill-konsulent

[1] Minn hawn aktar ‘l isfel imsejha “id-Dipartiment” jew “VAT” skond il-kaz.
[2] Dwar dawn id-denunzji d-Dipartiment kien hareg provisional assessments li dwarhom ma kienx hemm appell; dan kien qabel ma bdiet l-investigazzjoni aktar wiesgha in konessjoni ma’ dan il-kaz u ohrajn bhalu.

legali ta’ l-ghazla tieghu, huwa ghazel li jirreferi ghall-istqarrija u jikkonferma l-kontenut kollu taghha b’gurament wara li giet moqrija lilu mill-konsulent tieghu stess, paragrafu wiehed wara l-iehor. L-imputat ma jistax jippretendi li issa jitlob li l-istqarrija u l-kontenut taghha jigi skartat. L-imputat kellu l-ghazla li jiddeponi u jghati l-verzjoni tieghu minghajr ma jaghmel kwalunkwe referenza ghall-istqarrija. F’dawk ic-cirkostanzi l-Qorti kienet toqghod fuq dak li jghid l-imputat viva voce quddiemha u tinjora kompletament l-istqarrija (la darba din giet rilaxxjata minghajr ma’l-imputat kellu l-opportunita li jikkonsulta ma’ avukat qabel ma jirillaxxjaha) pero la darba l-imputat ghazel li jikkonfermaha bil-gurament paragrafu wiehed wara l-iehor il-Qorti necessarjament ghandha tikkunsidraha bhala prova ammissibbli.

Illi l-imputat jghid li huwa kellu problemi mad-Dipartiment peress li huwa kien jipprezenta u jhallas id-denunzji tard u bhala konsegwenza ta’ dan kienu qed jiddekorri kontra tieghu penali u imghaxxijiet. F’xi zmien l-ammont dovut lid-Dipartiment kien ta’ circa €28,000; id-Dipartiment kien qed jipprova jirkupra dan l-ammont permezz ta’ proceduri civili inkluz il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru. L-imputat kien ghamel kuntatt telefoniku mad-Dipartiment, tkellem ma xi hadd li ma jafx minn kien, din il-persuna qaltlu biex jiltaqa’ ma xi hadd iehor u anke taghtu numru tat-telephone biex icempel li din il-persuna l-ohra. Dan irrizulta li kien certu Alfred Mallia; l-imputat cempillu u ltaqa’ mieghu vicin tad-Dipartiment; l-imputat spjega lil Mallia x’problemi kellu u qallu x’kien in-numru tal-VAT tieghu; Mallia qallu biex jikkontattjah gimgha wara; l-imputat hekk ghamel. Meta l-imputat rega’ ikkunttatjah Mallia qallu li biex jirrangalu kellu jhallas €8,000. Regghu iltaqghu u l-imputat hallas €8,000 fi flus kontanti; meta ghamel il-hlas Mallia tah erba’ denunzji u qallu li kellu jaghtih ukoll tlett cekkijiet ghall-ammonti ta’ €422.22, €486, u €560.22 li kienu ghad-Dipartiment u ghall-Qorti ghall-hrug tal-kontro mandat; dawn ic-cekkijiet huma datati 6 ta’ Jannar 2009. Kemm id-denunzji u kopja tac-cekkijiet imsemmija huma esebieti in

atti[3]. Ftit ta' granet wara l-imputat gie notifikat ufficjalment bil-kontro-mandat.

Illi dwar d-denunzji li tah Mallia, l-imputat jghid li dawn ma jurux ammonti reali u li ghalhekk il-kreditu li kien jirrizulta minnhom ma kienx realment dovut. Huwa jghid li meta Mallia tah dawn id-denunzji huwa hadhom id-dar poggihom fil-file u ma tax kazhom aktar. Jghid ukoll li huwa m'ghamel xejn biex jikkorregi l-izbalji grossolani li kien hemm fihom. Hu jghid ukoll li ghalih dawk id-dokumenti li tah Mallia kienu ricevuti u jghid ukoll li huwa kien konvint li Mallia kien jahdem id-Dipartiment u li t-€8,000 li tah kienu ghad-Dipartiment.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li fil-fehma tal-Qorti l-imputat assolutament mhux kredibbli f'dawn l-asserzjonijiet.

Illi l-imputat kien ilhu fin-negozju mis-sena 1999 u kien ilhu jara denunzji tal-VAT u ricevuti mahruga mid-Dipartiment (zewg dokumenti kompletament distinti u separati mhux biss fis-sostanza taghom imma anke fil-forma) tul dawn is-snin kollha; ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li meta Mallia tah id-denuzji in kwistjoni l-imputat bil-fors kellu jaghrafhom bhala denunzji u mhux ricevuti. Tant hu hekk li meta huwa ntwera kopja taghhom mill-pulizija meta huwa kien qed jigi investigat u interrogat huwa mill-ewwel irrefera ghalihom bhala denunzji (returns). In oltre l-imputat hallas €8,000 fi flus kontanti u t-tlett ammonti l-ohra f'cekkijiet dak in-nhar stess li Mallia tah id-dokumenti; skond l-istess imputat malli hu ta l-flus u c-cekkijiet lil Mallia dan tah id-denunzji; huma kienu qeghdin barra fit-triq. Ghalhekk zgur ma setghux ikunu ricevuti; naturalment wiehed ma jridx jinsa ukoll li l-ebda wiehed minn dawn l-ammonti (€8,000, €422.22, €486 u €560.22) ma jidhru fuq id-dokumenti li Mallia ta lill-imputat.

Illi l-imputat jghid li hu kellu jaghti circa €28,000 lid-Dipartiment. Il-Qorti difficilment tifhem kif persuna, anke

[3] Id-denunzji originali li Mallia talill-immputat huma esebieti bhala IJA5 a fol 54 u kopja taghhom hija esebieta bhala Dok JH1 a fol 61; kopja tac-cekkijiet hija esebita bhal Dok IJA4 a fol 37 u Dok AG1, AG1 u AG3 a fol 68 net seq tal-process.

ta' intelligenza baxxa, tista tasal biex tahseb li bil-hlas ta' €8,000 (u t-tlett ammonti l-ohra li jammontaw ghal €1,468.44) setghet tissalda kont ta' €28,000 u lid an kien ser isir b'mod legittimu.

Illi l-imputat ghamel hafna emfasi fuq il-fatt li fil-perjodu li ghalihom jirreferu d-denunzji in ezami hu ma kienx qed jopera l-bar ghaliex kien halla kollox f'idejn ommu. L-imputat prova jiddisoccja ruhhu kompetament mal-gestjoni tan-negozju u kwalunkwe haga relatata mieghu inkluz l-obbligi fiskakli. F'l-istess hin pero l-imputat jammetti li kien hu (u mhux ommu) li kien ha l-izbriga biex jirranga s-sitwazzjoni li kienet inqalet b'l-arretrati li kellu pendenti.

Illi fattur iehor relevanti huwa li l-imputat dejjem kien inkariga l-istess accountant biex johodlu hsieb il-formalitajiet tal-VAT u kienu biss fil-kaz ta' dawn l-erba' denunzji li rrizultaw inveritjieri li biddel il-prassi u qabbad lil dan Alfred Mallia. Haga stramba hafna partikolarment meta wiehed iqies li fis-sena 2005 il-gestjoni tan-negozju suppost kienet f'idejn ommu u ma kien jaf xejn x'inhu jigri. Jekk kien hemm perjodu li ghalih kien essenzjali li jqabbad l-accountant kien propju s-sena 2005. Il-fatt li l-imputat qabbad lil dan Mallia biex johodlu hsieb id-dokumentazzjoni tas-sena 2005 tidher ferm aktar stramba meta wiehed iqies li lill-accountant l-imputat kien jaghtih id-dokumentazzjoni necessarji biex jigu redatti d-denunzji imma lil dan Mallia, li kien kompletament estranju ghan-negozju ta'l-imputat anke kif gestit minn ommu, ma tah l-ebda dokument necessarju biex jigu redatti d-denunzji.

Illi dan kollu jimpingi negativament fuq il-kredibilita ta'l-imputat b'mod li l-Qorti hija konvinta li huwa kien jaf ezattament x'kien ser isir meta huwa accetta li jhallas €8,000 lil Alfred Mallia.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur jidher li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma bazati fuq l-erbgha denunzji ghas-sena 2005.

Ikkunsidrat

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea kif diga kellha okkazzjoni taghmel, li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[4].

Illi jidher lil l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li l-imputat irikkora ghall-ghajnuna ta' certu Alfred Mallia fil-problemi li kellu mad-Dipartiment tal-VAT u li l-flus li huwa ta lil dan Alfred Mallia kienu in parti biex jithallas certu Nigel Abela, li allegatament huwa impjegat mad-Dipartiment, sabiex dan jimanipola r-records ta'l-imputat bil-mod kif fuq spjegat. Pero mill-provi prodotti la gie stabbilit min hu Nigel Abela, u lanqas saret il-prova li dan Nigel Abela huwa ufficjal jew impjegat pubbliku. Fil-verita lanqas ma ngabet xi prova kwalunkwe li turi li saret xi weghda jew offerta lil dan Nigel Abela (jew xi ufficjal pubbliku iehor) minghand Alfred Mallia, mill-imputat jew xi hadd iehor ghan-nom ta' l-imputat.

---

[4] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 115 u jew l-artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsdrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija 'l hekk immsejjha *trading in influence* cioe r-reat komtemplat f'l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti:

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[5]

Illi l-Avukat Generali kwota l-artikolu 121A minghajr m'ghamel referenza ghal xi subartikolu minnhom. Huwa car mic-cirkostanzi tal-kaz in ezami li r-reat ipotezzat fit-tieni subartikolu ma jissussistiex ghaliex kif fuq spjegat dan is-subartikolu jirreferi ghal sitwazzjoni fejn l-imputat ikun qed jasserixxi li ghandu xi influwenza fuq xi ufficjal pubbliku u li jkun hu li jkun talab, ircieva jew accetta xi vantagg mhux xieraq[6].

Illi skond l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A fuq kwotat dak li kellu jigi ppruvat fil-kaz in ezami huwa li l-imputat, A, wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C. Ai termini tad-dispozizzjoni in ezami C irid ikun jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f'l-artikoli 112 sa' 120 tal-Kapitolu 9. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tikkontendi li l-imputat offra xi vantagg lil Alfred Mallia biex dan jesercita xi influenza fuq Nigel Abela.

Illi pero ghall-istess ragunijiet elenkati fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni din l-allegazzjoni u konsegwentement l-imputazzjoni li hija bazata fuqha ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

---

[5] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006

[6] Ghandu jigi irlevat ukoll li fic-citazzjoni hemm kwotat it-tieni subartikolu ta'l-artiklu 121A pero la darba l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 121A kollu u la draba l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni u tiddecidi fuq l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali, li f'dan il-kaz allura jinkludu ukoll l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A, il-Qort trid tiehu in konsiderazzjoni anke r-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta’ truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e’ l’inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l’agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*(1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l’espressione artifizi o raggiri;*
*(2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
(3) *un danno patrimoniale derivato dell’inganno con conseguente profitto per l’agente o altra persona.*[7]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta’l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta’ truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta’ truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b’konsegwenza ta’ dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta’ xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[8]

[7] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[8] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata*[9] *irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[10]*.*

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[11]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[12]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se'*

---

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[10] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[11] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[12] Op cit pagna 356

*richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[13].

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li b'dawk l-erbgha denunzji l-imputata holoq kreditu immaginarju biex b'dan il-kreditu fittizju jigu pacuti d-debieti li huwa kellu mad-Dipartiment.

Illi minn kien l-awtur ta' dawk l-erbgha denunzji ghas-sena 2005 ma giex pruvat pero kif diga ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li kienu ser jigu prezentati denunzji ghas-sena 2005 a nom tieghu minn xi terz, possibilment, ghalkemm mhux necessarjament, minn Alfred Mallia, altrimenti huwa kien, kif ghamel tul is-snin jinkariga lill-accountant biex jipprezenta dawn id-denunzja ukoll. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju ukoll li l-imputat kien jaf li permezz tal-mod kif kienu ser jigu redatti dawn id-denunzji d-debitu li huwa kellu mad-Dipartiment kien ser jonqos drastikement.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li din it-tielet imputazzjoni hija pruvata.

Illi r-raba u l-hames imputazzjoni jirreferu ghal komplicita f' falsifikazzjoni; l-ewwel wahda ai termini ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u l-ohra ai termini ta'l-artikolu 77 tal-Kapitolu 406.

Illi dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Ligi jikkomtemplaw 'l hekk imsejjah falz ideologiku.

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz*

---

[13] Op cit pagna 357

*materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[14]

Illi mill-provi akkwiziti m'hemm l-ebda dubbju li d-denunzji ghas-sena 2005 jaghtu informazzjoni falza fis-sens li *non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero*. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dan id-dokument kien mahsub ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, u lanqas hemm dubbju li permezz tad-denunzja in ezami l-imputat kiseb vantagg ghalih.

Illi dwar l-element tax-xjenza, ghalkemm jirrizulta li d-dokumenti (cioe d-denunzji) inkitbu minn hadd iehor, kif diga ntqal mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li dawk id-denunzji ser jigu prezentati b'mod li jindikaw kreditu immaginarju ghalhekk dan l-elment jirrizulta ukoll u konsegwentement dawn ir-raba u l-hames impurazzjonijjet huma pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni gew prezentati hames sentenzi mghotija minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li *l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew* ***minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-***

[14] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.

***konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata)***[15] *jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva*[16]. Ezami tal-konnottati ta'l-imputat f'kull wahda mis-sentenzi esebieti ma' jhalli l-ebda dubbju li jirreferu ghall-imputat odjern.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti din l-imputazzjoni giet pruvata ukoll u li l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero ghandu jigi rilevat li ai fini ta'l-artikolu 50 huma t-tlett sentenzi datati 27 ta' Jannar 2005, 2 ta' Marzu 2005 u 14 ta' Lulju 2005[17] rispettivament li jistghu jitiehdu in konsiderazzjoni.
Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-ammonti involuti kif ukoll il-fedina penali ta' l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-imputat ma ha l-ebda inizjattiva ta' xejn biex jikkoregi dawk id-denunzji li huwa jammetti li huma inveritjieri u jirrimedja s-sitwazzjoni mad-Dipartiment jew biex jidhol f'xi arrangement biex l-ammonti li kienu dovuta minnu qabel ma saret it-tpaccija, a bazi tal-kreditu immaginarji indikat fid-denunzja in kwistjoni, jithallsu lid-Dipartiment.

Illi in oltre tenut kont li l-imputat huwa recidiv ma tistghax tinghata sentenza sospieza, u tenut kont li huwa qed jinstab hati ta' reat kontemplat fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti lanqas tista' tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446[18] (b'mod li taghti probation jew liberta kondizzjonata) u lanqas tista' tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9. Dan ifisser li l-unika piena li tista' taghti din l-Qorti hija wahda ta' prigunerija effettiva.

---

[15] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[16] Ref Pulizija vs Joseph Zahra decizamill-Appell Kriminali 10.09.2004
[17] Doks IJA8, IJA9 u IJA10 a fol 78 et seq tal-process.
[18] Ref artikolu 83(4) ta'l-istess Kapitolu 406.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 18, 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 23B(2) ta’l-istess Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal hlas ta’ multa f’l-ammont ta’ €25,936.19. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi zmien sena jhallas is-somma ta’ €1,160.67 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------